# FIL-QORTI KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 20 ta' Jannar 2023**

**Att t'akkuża numru 14/2017 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Ismael HABESH u**
**Faical MAHOUACHI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tal-akkuża imsemmi iżjed il-fuq u li bih, l-Avukat Ġenerali qiegħed, f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lil Ismael HABESH u lil Faical MAHOUACHI bis-segwenti:

> **L-EWWEL (1) KAP - Fil-konfront ta' Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI.**
>
> ***Omiċidju Volontarju ta' Simon Grech***

**Il-fatti** :

ILLI l-akkużat **Ismael HABESH**, minkejja li miżżewweġ, kien beda relazzjoni ma' ċertu Simon Grech, ġuvni ta' għoxrin (20) sena ta' orjentazzjoni omosesswali. Dan Simon Grech kien vittma tal-vizzju tad-

droga, u, sabiex imantni dan il-vizzju, kien jipprostitwixxi ruħu ġewwa l-Marsa. Fil-fatt, fiċ-ċrieki tal-prostituzzjoni kien magħruf ukoll bħala *'Sion'*;

ILLI r-relazzjoni bejn l-akkużat **HABESH** u Simon Grech ma kenitx xi waħda feliċi ħafna u dan għaliex ta' sikwit kien ikollhom xi jgħidu, l-aktar dwar droga u flus li Grech kien jaqla' mill-prostituzzjoni. L-akkużat **Ismael HABESH** kien ukoll fiżikament vjolenti fil-konfront ta' Simon Grech;

ILLI wieħed minn dawn l-argumenti qam nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm) Simon Grech kien qiegħed jitlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni ġewwa l-Marsa, meta ħin bla waqt waqfet ħdejh vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6*, misjuqa mill-akkużat **Ismael HABESH** u bl-akkużat **Faical MAHOUACHI** bħala passiġġier. L-akkużat **HABESH** niżel mill-vettura, mar dritt fuq Simon Grech, u wara li t-tnejn li huma argumentaw dwar droga, l-akkużat **Ismael HABESH** hebb għal Grech: qabdu minn xagħaru u tefgħu ma' l-art u beda jagħtih bil-ponn u bis-sieq;

ILLI wara li l-akkużat **Ismael HABESH** ta xebgħa tajba lil Simon Grech, tant li Grech kien mixħut ma' l-art jokrob bl-uġieħ, l-akkużat **Faical MAHOUACHI** niżel mill-vettura biex jassisti lil sieħbu. L-akkużat **HABESH** qabad lil Simon Grech minn saqajh, u l-akkużat **MAHOUACHI** qabdu minn taħt idejħ, u t-tnejn li huma ġarrewh għal ġewwa għalqa li kien hemm fuq il-post. Hemmhekk, dolożament, bil-ħsieb li joqtluh jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** ħarġu sikkina u bdew jagħtuh biha sakemm fil-fatt qatluh. Effettivament mill-awtopsja li eventwalment saret fuq il-katavru ta' Grech, rriżulta li huwa qala' *minn ta' l-anqas* sbatax (17)-il daqqa ta' sikkina, liema daqqiet ikkaġunawlu l-mewt;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kisru l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ ta' l-akkużat **Ismael HABESH** *ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi** :

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** saru ħatja ta' **omiċidju volontarju**, u ċioe' talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu lil Simon Grech jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunawlu l-mewt, kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**L-akkuża** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI**, reċidivi f'delitt, ħatja ta' **omiċidju volontarju**, u cioe' talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna (Simon Grech) jew li jqegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunawlha l-mewt;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-piena ta' priġunerija għal għomorhom flimkien mal-piena tar-reklużjoni għal mhux aktar minn tnax-il perjodu, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 28B, 31, 49, 50, 211(1), 211(2), 467(2), u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIENI (2) KAP - Fil-konfront ta' Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI.**
***Pussess ta' arma regolari waqt il-kommissjoni ta' delitt kontra l-persuna.***

**Il-fatti** :

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm), Simon Grech kien qiegħed jitlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni ġewwa l-Marsa, meta ħin bla waqt waqfet ħdejh vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6*, misjuqa mill-akkużat **Ismael HABESH** u bl-akkużat **Faical MAHOUACHI** bħala passiġġier. L-akkużat **Ismael HABESH** niżel mill-vettura u ta xebgħa tajba lil Simon Grech, fejn imbagħad l-akkużat **Faical MAHOUACHI** niżel ukoll mill-vettura u t-tnejn li huma ġarrew lil Simon Grech għal ġewwa għalqa li kien hemm fuq il-post. Hemmhekk, dolożament, bil-ħsieb li joqtluh jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** ħarġu sikkina u bdew jagħtuh biha sakemm fil-fatt qatluh.

Effettivament mill-awtopsja li eventwalment saret fuq il-katavru ta' Grech, rriżulta li huwa qala' *minn ta' l-anqas* sbatax (17)-il daqqa ta' sikkina, liema daqqiet ikkaġunawlu l-mewt;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kisru l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ ta' l-akkużat **Ismael HABESH** *ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** saru ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, **fil-waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat volontarju kontra l-persuna** (l-omiċidju volontarju ta' Simon Grech), **kellhom fuq il-persuna tagħhom arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina), u dana mingħajr skop leġittimu**, kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**L-akkuża :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI**, reċidivi f'delitt, ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, **fil-waqt li kienu qegħdin jagħmlu reat volontarju kontra l-persuna** (l-omiċidju volontarju ta' Simon Grech), **kellhom fuq il-persuna tagħhom arma regolari jew munizzjon jew imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti (sikkina), u dana mingħajr skop leġittimu**;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn ħames (5) snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 55(a) u 56 ta'

l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 64 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

**IT-TIELET (3) KAP - Fil-konfront ta' Ismael HABESH u Faical MAHOUACHI**
***Ġarr ta' sikkina 'l barra minn xi fond, mingħajr liċenzja jew permess.***

**<u>Il-fatti</u> :**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel żewġ (2) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm), Simon Grech kien qiegħed jitlajja għal skopijiet ta' prostituzzjoni ġewwa l-Marsa, meta ħin bla waqt waqfet ħdejh vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6*, misjuqa mill-akkużat **Ismael HABESH** u bl-akkużat **Faical MAHOUACHI** bħala passiġġier. L-akkużat **Ismael HABESH** niżel mill-vettura u ta xebgħa tajba lil Simon Grech, fejn imbagħad l-akkużat **Faical MAHOUACHI** niżel ukoll mill-vettura u t-tnejn li huma ġarrew lil Simon Grech għal ġewwa għalqa li kien hemm fuq il-post. Hemmhekk, dolożament, bil-ħsieb li joqtluh jew li jqegħdu l-ħajja tiegħu f'periklu ċar, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** ħarġu sikkina u bdew jagħtuh biha sakemm fil-fatt qatluh. Effettivament mill-awtopsja li eventwalment saret fuq il-katavru ta' Grech, rriżulta li huwa qala' *minn ta' l-anqas* sbatax (17)-il daqqa ta' sikkina, liema daqqiet ikkaġunawlu l-mewt;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kisru l-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u, fil-każ ta' l-akkużat **Ismael HABESH** *ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

ILLI għalhekk, b'għemilhom, l-akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** saru ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm) ġewwa l-Marsa, Malta, **<u>ġarrew 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun</u>**

**mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija**, kif ukoll illi rrendew ruħhom reċidivi.

**L-akkuża :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmija **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI**, reċidivi f'delitt, ħatja talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa w nofs ta' filgħaxija (9:30pm), ġewwa l-Marsa, Malta, **ġarrew 'l barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija**;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, kemm l-akkużat **Ismael HABESH** kif ukoll l-akkużat **Faical MAHOUACHI** kienu nstabu ħatja preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużati bir-reċidiva.

**Il-piena mitluba :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmija akkużati **Ismael HABESH** u **Faical MAHOUACHI** u illi huma jiġu kkundannati kull wieħed għall-**piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet (3) xhur**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 6, 51(7) u 56 ta' l-Att dwar l-Armi, Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-artikoli 17, 23, 31(f), 49, 50, 64 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmija akkużati.

## IR-RABA' (4) KAP - Fil-konfront ta' Ismael HABESH waħdu. *Riċettazzjoni.*

**Il-fatti :**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel tliet (3) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u cioe' nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), xi ħin wara d-disgħa u nofs ta' filgħaxija (9:30pm), l-akkużat **Ismael HABESH** mar fimkien ma' sieħbu **Faical MAHOUACHI** ġewwa l-Marsa biex isibu lil Simon Grech u joqtluħ;

ILLI sabiex kemm jista' jkun ma jintgħarfux, **HABESH** u **MAHOUACHI** ddeċidew li ma jmorrux bil-karozza ta' **HABESH** biex iwettqu dan l-omiċidju. L-akkużat **Ismael HABESH** kien jaf li xi ġranet qabel, ħabib tiegħu, ċertu Jamal Muftah Salem Belkheir kien seraq karozza tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6,* bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308 minn ġewwa l-Qawra. Din il-vettura [li kienet tiswa' aktar

minn elfejn tliet mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgħa u tletin Ċenteżmu (€2,329.37)] kienet insterqet minn Jamal lil ċertu Alfred Xerri fit-Tletin (30) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), u kemm Jamal kif ukoll l-akkużat **Ismael HABESH** kienu jagħmlu użu minn din il-vettura misruqa. Fil-fatt, dakinhar tal-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), l- akkużat **Ismael HABESH** iddeċieda li juża proprju din il-vettura misruqa biex, flimkien ma' **Faical MAHOUACHI** jmorru jwettqu l-omiċidju brutali ta' Simon Grech;

ILLI b'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużat **Ismael HABESH** kien instab ħati preċedentement ta' diversi delitti;

ILLI inoltre, l-akkużat **Ismael HABESH** kiser ukoll il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 (*ġia'* l-artikolu 5 tal-Kap. 152) tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi</u> :**

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Ismael HABESH** sar ħati talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, **<u>f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara' ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat</u>** (vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6,* bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308, li tiswa' aktar minn €2,329.37), sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

**<u>L-akkuża</u> :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Ismael HABESH**, reċidiv f'delitt, ħati talli nhar il-Ħamsa (5) ta' April tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005) u fil-ġranet ta' qabel din id-data, **<u>f'Malta, xjentement laqa' għandu jew xtara' ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat</u>** (vettura tat-tip *Ford* mudell *Escort Mk. 6,* bin-numru tar-reġistrazzjoni MAT-308, li tiswa' aktar minn €2,329.37), sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, jindaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

U billi permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula, l-akkużat **Ismael HABESH** kien instab ħati preċedentement ta' diversi delitti, l-Avukat Ġenerali qiegħed jaddebita lill-istess akkużat bir-reċidiva.

**<u>Il-piena mitluba</u> :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ismael HABESH** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**<u>piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax (18)-il xahar sa tmien (8) snin</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 64, 279(b), 334(a),

u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 23(1)(b) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-Ġurija milħuq illum u li permezz tiegħu il-Ġurija iddikjarat is-segwenti:

**Kwantu għall-akkużat Faical MAHOUACHI:**

**L-Ewwel Kap:**

Il-Ġurija, bi tminn voti favur u vot kontra sabitu **mhux ħati** tar-reat miġjub fl-Ewwel Kap tal-att t'akkuża;

**It-Tieni Kap**

Il-Ġurija, b'mod unanimu sabitu **mhux ħati** tat-Tieni Kap tal-att t'akkuża;

**It-Tielet Kap**

Il-Ġurija, b'mod unanimu sabitu **mhux ħati** tat-Tielet Kap tal-att t'akkuża;

**Għalhekk din il-Qorti tiddikjara lil Faical MAHOUACHI:**

1. **Mhux ħati tar-reat imsemmi fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża;**
2. **Mhux ħati tar-reat imsemmi fit-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuża;**
3. **Mhux ħati tar-reat imsemmi fit-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuża;**

**u konsegwentement din il-Qorti ai termini tal-artikolu 487 tal-Kodiċi Kriminali qegħda teħles lill-akkużat Faical MAHOUACHI minn kull akkuża, ħtija u piena u jekk mhux detenut għal raġunijiet oħra, tordna li jiġi liberat.**

Inoltre, b'riferenza għall-akkużat **Ismael HABESH**, rat il-verdett tal-Ġurija milħuq illum stess u li permezz tiegħu il-Ġurija iddikjarat is-segwenti:

**L-Ewwel Kap**

Il-Ġurija, b'seba' voti favur u tnejn kontra sabitu **mhux ħati** tar-reat miġjub fl-Ewwel Kap tal-att t'akkuża;

**It-Tieni Kap**

Il-Ġurija, b'mod unanimu sabitu **mhux ħati** tat-Tieni Kap tal-att t'akkuża;

**It-Tielet Kap**

Il-Ġurija, b'mod unanimu sabitu **mhux ħati** tat-Tielet Kap tal-att t'akkuża;

**Ir-Raba' Kap**

Il-Ġurija b'mod unanimu sabitu **ħati** tar-Raba' Kap tal-att t'akkuża.

**Konsegwentement il-Qorti tiddikjara lil Ismael HABESH:**

1. **Mhux ħati tar-reat imsemmi fl-Ewwel Kap tal-Att ta' Akkuża;**
2. **Mhux ħati tar-reat imsemmi fit-Tieni Kap tal-Att ta' Akkuża;**
3. **Mhux ħati tar-reat imsemmi fit-Tielet Kap tal-Att ta' Akkuża;**
4. **Ħati tar-reat imsemmi fir-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuża.**

Rat il-fedina penali aġġornata ta' Ismael HABESH;

Semgħet lid-Difiża tiddikjara li f'dan l-istadju ma kienetx qegħda tikkontesta l-addebitu tar-reċidiva u kienet qegħda tammetti l-istess addebitu kif ukoll li tirrikonoxxi li HABESH wettaq ir-reat li tiegħu ġie misjub ħati matul il-perjodu ta' probation u liberazzjoni kondizzjonata;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet f'dan il-każ :

Minn naħa tal-Avukat Ġenerali semgħet is-sottomissjonijiet ta' Dr. Anthony Vella debitament reġistrati;

Semgħet ukoll is-sottomissjonijiet tad-Difiża ta' Ismael HABESH magħmula minn Dr. Edward Gatt debitament reġistrati.

**Ikkunsidrat**:

Illi l-ġurija ma sabitx lil Ismael HABESH mill-akkużi ta' omiċidju volontarju, ġarr ta' arma regolari waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna kif ukoll li kien qiegħed iġorr xi sikkina jew strument li jaqta' u bil-ponta mingħajr liċenzja jew permess maħruġ mill-Kummissarju tal-Pulizija. Iżda huwa ġie misjub ħati tar-reat ta' riċettazzjoni.

Illi għalhekk din il-Qorti issa trid tikkonsidra l-piena li għandha tiġi inflitta biss marbuta ma dan ir-reat li tiegħu ġie misjub ħati.

Skont l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali jekk l-oġġett riċettat ikun ġej minn serq, il-piena li għandha tingħata hija dik għal serq skont il-valur tal-ħaġa misruqa. Din il-Qorti hija moralment konvinta li l-valur tal-vettura misruqa fiż-żmien ta' meta seħħ dan id-delitt, kienet iżjed minn elfejn, tliet mija disgħa u għoxrin euro sebgħa u tletin ċenteżmu. B'hekk taqbel mal-Avukat Ġenerali li l-artikolu applikabbli huwa dak tas-serq kwalifikat bil-valur fis-sensi tal-artikolu 279(b) tal-Kodiċi Kriminali.

Kif diġa intqal, din il-piena trid tirrifletti l-integrazzjoni ta' dak ir-reat li tiegħu ġie misjub ħati HABESH indipendentement minn akkużi oħra li kienu ġew kontestati lilu u li huwa issa ma ġiex misjub ħati tagħhom mill-Ġuri u ma tistax issa l-piena għal dan l-uniku reat meqjus integrat tiġi kkargata minħabba l-fatt li din l-akkuża kienet tinsab minsuġa flimkien ma akkużi serjissimi oħra, li pero huwa issa ma ġiex misjub ħati tagħhom.

Il-Qorti qieset ukoll li għalkemm HABESH ikkontesta l-akkużi prinċipali li ġew miġjuba kontra tiegħu, matul il-kors tal-ġuri huwa għażel li jirrikonoxxi r-responsabbilta tiegħu għall-kommissjoni tar-reat ta' riċettazzjoni. Dan fil-fatt huwa wkoll rifless fil-verdett unanimi ritornat mill-Ġuri fir-rigward għar-Raba Kap tal-att tal-akkuża li kien jikkontempla dan ir-reat.

Inoltre, dan il-każ dam tmintax il-sena biex jiġi magħluq, dan id-dewmien kien dovut għal diversi raġunijiet, li wħud minnhom mhux attribwibbli għall-akkużat, imma oħrajn huma.

Inoltre, il-Qorti ħadet ukoll nota tal-fatt li matul l-investigazzjoni inizzjali, HABESH kien għen lil Pulizija biex ikunu jistgħu jirrintraċċaw din il-vettura li kienet ġiet misruqa minn terz u li kien għamel użu minnha HABESH. Il-Qorti ħadet nota wkoll tal-fatt li HABESH għamel użu minnha għal perjodu ta' żmien limitat.

Huwa minnu li għar-reat ta' riċettazzjoni, bosta drabi tiġi mogħtija piena ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha minn dawn il-Qrati. U f'dan il-każ id-Difiża saħqet li f'dan il-każ għandha tingħata piena ta' priġunerija fil-forma sospiża.

Iżda minkejja dan l-argument mid-Difiża, dan mhux legalment possibbli f'dan il-każ minħabba l-fatt li HABESH ammetta li huwa reċidiv fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali. Dan peress li l-piena ta' priġunerija fil-forma sospiża ma tistax tingħata meta l-ħati jkun reċidiv fis-sensi tal-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.[1] Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u anke fid-dawl tal-fedina penali altament refrattarja ta' HABESH l-anqas tkun indikata piena alternattiva għal dik ta' priġunerija fil-forma effettiva.

**Għaldaqstant il-Qorti wara li rat li in bażi għall-verdett milħuq mill-ġurija kif imsemmi iżjed il-fuq, il-Qorti iddikjarat lil Ismael HABESH mhux ħati tar-reati imsemmija fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Kapi tal-att tal-akkuża, fis-sensi tal-artikolu 487 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda teħilsu minn kull ħtija u piena dwarhom.**

**Inoltre, wara li rat ukoll il-verdett tal-ġurija imsemmija iżjed il-fuq u din il-Qorti ddikjarat lil HABESH ħati tar-reat imsemmi fir-Raba' Kap tal-att tal-akkuża, wara li rat ukoll l-artikoli 31, 49, 50, 334(a) b'applikazzjoni tal-artikolu 279(b) u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil Ismael HABESH, reċidiv b'delitt, għall-piena ta' tliet snin priġunerija.**

**Inoltre, wara li qieset li HABESH ikkonċeda li wettaq ir-reat li tiegħu ġie misjub ħati fi żmien fejn kien taħt ordni ta' probation kif ukoll fi żmien fejn kien taħt ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata, fis-sensi tal-artikolu 23(1)(b)(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta stante li din hija Qorti differenti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kienet emanat is-sentenzi tal-24 ta' Jannar 2003 u t-2 ta' Diċembru 2003, din il-Qorti tibgħat lil Ismael HABESH quddiem dik il-Qorti li kienet għamlet l-imsemmija ordni ta' probation u ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata sabiex dik il-Qorti, kemm jista' jkun malajr, tara li Ismael HABESH**

[1] Ara l-artikolu 28A(7)(b) tal-Kodiċi Kriminali.

**jinġieb quddiemha, biex tkun tista' tittratta miegħu għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemħa ta' dak ir-reat.**

**Inoltre tikkundannah iħallas l-ispejjeż peritali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont totali ta' sebat elef tmien mija tmienja u disgħin euro sitta u sittin ċenteżmu (€7898.66) rappreżentanti dawk l-ispejjeż peritali li tħalsu lil PC94 u PC425, PS 659, PS1374, Robert A. Cardona, Roy James Greene u Andrew Mc Donald u li kienu marbuta mal-analiżi li saret fuq, jew ma traċċi misjuba fi, jew marbuta mal-vettura MAT – 308 u liema relazzjonijiet setgħu jitfgħu dawl fuq ir-rabta eventwalment misjuba tal-ħati HABESH mal-vettura in kwistjoni.[2] F'każ li dan l-ammont ma jitħallasx dawn l-ispejjeż, ikunu konvertibbli f'madwar għoxrin xahar priġunerija skont il-Liġi.[3]**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

---

[2] Ara f'dan is-sens l-appell Superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kingsley Wilcox** deċiż nhar it-22 ta' Jannar 2020 fejn dik il-Qorti superjorment iddeċidiet li l-ispejjeż kollha li huma marbuta mas-sejbien ta' ħtija tar-reat ikun akkollabbli lil ħati inkluż dawk ordnati li jsiru mill-Qorti tal-Maġistrati bil-ħati jkun meħlus biss mill-obbligu tal-ħlas ta' dawk l-ispejjeż li ma jkunux direttament jew indirettament marbuta mas-sejbien ta' ħtija tar-reat.

[3] Skont l-artikolu 533(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li:

> Fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-qorti, il-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur, toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu.